# Q O R T I Ċ I V I L I
## (Sezzjoni tal-Familja)

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

**Illum 31 ta' Mejju 2018**

Rikors Guramentat Nru. 471 / 08RGM

Kawza fil-lista: 25

**A B**
**vs**
**C D B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-esponent issepara legalment minn martu l-konvenuta C D B permezz ta' kuntratt in atti n-Nutar Dottor Marco Farrugia tal-15 ta' Dicembru, 2000; u in forza ta' l-istess kuntratt huwa kien obbliga ruhu li jhallas lill-imsemmija martu s-somma ta' €349.41, ekwivalenti ghal Lm150.00, fix-xahar bhala manteniment ghaliha.

2. Illi sussegwentement irrisulta b'mod car li l-konvenuta rrendiet ruhha hatja ta' adulterju fil-konfront tieghu, u ghalhekk hija giet li ddekadiet skont il-ligi mid-dritt taghha li tezigi l-manteniment minghand zewgha, l-esponent. B'danakollu l-konvenuta kompliet u ghadha sallum tircievi l-manteniment minghand l-esponent.

3. Illi l-esponent huwa ntitolat li jipprocedi kontra martu ghas-separazzjoni legali in bazi ghall-adulterju taghha, u nfatti gie awtorizzat li jaghmel dan in forza ta' digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti fis-17 ta' Novembru, 2008.

4. Illi inoltre l-esponent gie awtorizzat in forza tad-digriet precitat li jipprocedi kontra martu biex jigi deciz li hija ddekadiet skont il-ligi mid-dritt li tezigi l-manteniment minghandu.

5. Illi konsegwenzjalment ghas-suespost l-esponent huwa intitolat ukoll li jigi rimborsat mill-konvenuta martu l-manteniment kollu li ser jirrizulta li gie mhallas lilha ndebitament minn dik id-data li fiha jigi stabbilit illi l-istess konvenuta rrendiet ruhha hatja ta’ adulterju fil-konfront tieghu kif fuq spjegat.

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex ghar-ragunijiet suesposti m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti :

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni legali bejn il-partijiet kontendenti b’rizultat ta’ l-adulterju kommess mill-konvenuta fil-konfront ta’ zewgha l-esponent kif fuq inghad, u ghal dan il-ghan tistabbilixxi d-data li fiha l-konvenuta ghandha tigi konsiderata li rrendiet ruhha hatja ta’ adulterju;

2. Tiddeciedi li b’effett mid-data li fiha jigi hekk stabbilit li l-konvenuta rrendiet ruhha hatja ta’ adulterju hija ddekadiet mid-dritt taghha li tezigi l-manteniment minghand zewgha l-esponent, u konsegwentement;

3. Tiddeciedi li b'effett mid-data hawn fuq imsemmija spicca d-dritt ta' l-istess konvenuta li tezigi l-manteniment ghaliha minghand l-esponent ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni li gie maghmul bejn il-partijiet, kif gie spejgat, fil-15 ta' Dicembru, 2000;

4. Tillikwida l-manteniment li jirrizulta, ghalhekk, li gie mhallas indebitament mill-esponent lill-konvenuta, mid-data li fiha jkun stabbilit li hija rrendiet ruhha hatja ta' adulterju fil-konfront tieghu sad-data tas-sentenza, u

5. Tordna lill-konvenuta li thallas lura lill-esponent il-manteniment li kif inghad jirrisulta li thallas lilha mill-esponent indebitament flimkien ma' l-imghax legali relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa' ngunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li taqra kif gej:

Illi t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li m'huwiex minnu li hemm lok li terga' tigi dikjarata u pronunzjata s-separazzjoni legali bejn il-kontendenti minhabba l-allegat adulterju ta' l-eccipjenti.

Illi bla pregudizzju ghas-suespost u sussidjarjament, skont l-Artikoli 51 u 52 tal-Kodici Civili, id-dekadenza mid-dritt ta' manteniment m'hijiex mandatorja izda

fakoltattiva ghall-Qorti skont ic-cirkostanzi tal-kaz u tali dekadenza zgur mhux applikabbli fil-kaz odjern.

Illi sussidjarament u bla pregudizzju fi kwalunkwe kaz, ir-raba' u l-hames talbiet huma nfondati fid-dritt stante li l-manteniment imhallas u li qieghed jithallas m'huwiex dovut pendente lite u kwindi l-Artikolu 25 tal-Kodici Civili ma japplikax izda semmai japplika l-Artikolu 22 (1) tal-Kodici Civili.

Rat id-digriet moghti fl-udjenza tas-26 ta' Mejju 2009 fejn gie mahtur l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia sabiex jigbor il-provi tal-partijiet;

Rat li l-kawza kienet thalliet ghas-sentenza;

Rat id-digriet taghha moghti waqt l-udjenza tal-31 ta' Jannar 2013 fejn issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza wara li giet esebita kopja legali tas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-22 ta' Ottubru 2012, liema sentenza ppronunzjat id-divorzju bejn il-partijet;

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet[1]ipprezentati mill-partijiet in linea ta' trattazzjoni dwar l-effett tal-pronunzjament tad-divorzju bejn il-partijiet fuq it-talbiet attrici f'din il-kawza;

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-5 ta' Gunju 2013 fejn ordnat l-allegazzjoni tal-atti tal-kawza 145/2012AL fl-ismijiet B vs B deciza fit-22 ta' Ottubru 2012;

Rat id-digriet taghha tad-9 ta' Lulju 2013 fejn tat zmien xahar lill-attur sabiex jintavola l-proceduri sabiex tigi impunjata l-validita` tas-sentenza tad-divorzju;

Rat id-digriet taghha tat-2 ta' Lulju 2015 fejn ordnat il-konnessjoni ta' din il-kawza mal-kawza istitwita mill-attur bin-numru 185/2013RGM ghall-impunjazzjoni tas-sentenza tad-divorzju;

Rat is-sentenza taghha moghtija fil-25 ta' Frar 2016 fil-kawza numru 185/2013RGM fejn laqghet it-tieni eccezzjoni tal-konvenuta u ddikjarat l-azzjoni attrici bhala irritwali u nulla u astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza;

Rat id-digriet taghha tad-19 ta' Mejju 2016 fejn laqghet it-talba tal-konvenuta biex f'din il-kawza tressaq l-eccezzjoni ulterjuri msemmija fir-rikors taghha tal-20 ta' April 2016;

---

[1] Nota tal-konvenuta tal-24 ta' April 2013 a fol. 124 *et seq.*, u nota tal-attur tal-5 ta' Gunju 2013 a fol 134 *et seq.*

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet ulterjuri pprezentata mill-konvenuta fis-26 ta' Mejju 2016[2];

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet ipprezentati mill-partijiet[3] rigward l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuta tas-26 ta' Mejju 2016;

Rat is-sentenza taghha tal-31 ta' Ottubru 2017 fejn cahdet it-talba maghmula mill-attur fir-rikors tieghu tat-23 ta' Novembru 2016 ghall-konverzjoni tat-talba ta' separazzjoni legali f'din il-kawza f'wahda ghall-pronunzjament tad-divorzju mill-gdid bejn il-partijiet;

Rat id-digriet ulterjuri taghha tat-8 ta' Marzu 2018 fejn ordnat l-allegazzjoni tal-atti tal-kawza **A B vs C B** bin-numru 185/2013 deciza fil-25 ta' Frar 2016 u halliet il-kawza ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuta;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet dwar l-imsemmija eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuta;

Semghet ix-xhieda bil-gurament u rat il-provi kollha;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-digriet l-ohra kollha taghha;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mill-konvenuta;

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenuta fis-26 ta' Mejju 2016, issollevat is-segwenti eccezzjoni ulterjuri:-

*"Illi in vista tas-sentenza ta' divorzju moghtija bejn il-partijiet fit-22 ta' Ottubru 2012 minn din l-Onorabbli Qorti (kawza numru 145/2012AL), liema sentenza ghaddiet in gudikat u in vista wkoll tas-sentenza moghtija wkoll minn din l-Onorabbli Qorti bejn l-istess partijiet fil-25 ta' Frar 2016 (rikors guramentat nru 185/13RGM) fejn it-talbiet tal-attur odjern sabiex is-sentenza tad-divorzju tigi dikjarata nulla u bla effett giet michuda; u stante li din l-ahhar sentenza ghaddiet ukoll in gudikat, l-esponenti teccepixxi li l-azzjoni attrici odjerna hija llum insostenibbli stante li l-Qorti ma tistax izjed tippronunzja s-separazzjoni mill-gdid bejn il-partijiet una volta iz-zwieg huwa llum xjolt u ghalhekk lanqas tista' tikkonsidra izjed it-talba tal-attur sabiex l-esponenti tigi dikjarat li ddekadiet mid-dritt taghha li tesigi manteniment minghand zewgha b'effett minn dik id-*data li l-

[2] Fol. 164.
[3] Nota tal-konvenuta tal-10 ta' Awwissu 2016 a fol. 166 *et seq*. u nota tal-attur tat-23 ta' Novembru 2016 a fol. 175 *et seq*.

*Qorti tistabbilixxi li hi rrendiet ruhha hatja tal-allegat adulterju.”* [sottolinejar tal-Qorti]

Ikkunsidrat;

F’din il-kawza, l-attur jikkontendi illi sussegwentement ghas-separazzjoni personali bejn il-partijiet konkluza bil-kuntratt tal-15 ta’ Dicembru 2000 (Dok. A), martu l-konvenuta rrendiet ruhha hatja ta’ adulterju u talab, *inter alia*, li tigi stabbilita d-data li fiha l-konvenuta ghandha tigi kkunsidrata li rrendiet ruhha hatja ta’ adulterju u li jigi deciz li b’effett minn dik id-data l-konvenuta ddekadiet mid-dritt taghha li tesigi minghandu l-hlas ta’ manteniment stabbilit fil-kuntratt ta’ separazzjoni.

Illi jirrizulta mill-kuntratt ta’ separazzjoni Dok. A, illi l-partijiet qablu li jattribwixxu s-separazzjoni taghhom b’mod generali lit-thassir irrimedjabbli tal-hajja konjugali bejniethom, izda filwaqt li l-attur irrinunzja ghad-dritt li jesigi manteniment minghand martu, huwa obbliga ruhu li:-

*“Ihallas lil mara bhala manteniment is-somma ta’ mitejn u hamsin Lira Maltin (Lm250) fix-xahar bi proporzjon ta’ mija u hamsin Lira Maltin (Lm150) ghaliha u mitt Lira Maltin (Lm100) ugwalment ghat-tliet itfal minuri pagabbli kull xahar bil-quddiem, Il-manteniment hekk pagabbli jizdied kull sentejn bin-nofs iz-zieda ghall-gholi tal-hajja li tinghata mill-Gvern.*

*Il-manteniment pagabbli lill-mara ikun sospiz fil-kaz li hija tkun qed tahdem u l-introjtu taghha ikun ekwivalenti jew jissupera l-ammont li ghandu jithallas lilha skont dan il-kuntratt.”*

Gie diversi drabi ritenut mill-gurisprudenza in materja li l-Qorti tista’ tippronunzja mill-gdid is-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet differenti minn dawk li jkun gie stabbilit li taw lok ghas-separazzjoni legali ppronunzjata b’sentenza tal-qorti jew b’effett ta’ kuntratt ta’ separazzjoni personali, dment li dawn ic-cirkostanzi godda jkunu avveraw ruhhom wara l-pronunzjament tas-separazzjoni.

Jinsab ukoll affermat il-principju illi in mankanza ta’ patt konvenzjonali *ad hoc* fil-kuntratt ta’ separazzjoni li jistabbilixxi dawk ic-cirkostanzi li ghandhom iwasslu ghad-dekandenza mill-jedd ghall-manteniment stabbilit fl-istess kuntratt[4], jehtieg li l-parti li tfittex l-applikazzjoni tas-sanzjoni tad-dekadenza fil-konfront tal-konjugi l-iehor wara l-pronunzjament tas-separazzjoni personali minhabba htija ghal ragunijiet supervenjenti, titlob ukoll il-pronunzjament mill-gdid tas-separazzjoni bejn il-konjugi minhabba appuntu din il-htija supervenjenti.

---

[4] Ara 244/12RGM, deciza 30 ta’ Gunju 2016.

Kif intqal fis-sentenza **Charles Zammit vs Jacqueline Zammit**[5]:-

*Illi inoltre hija opportuna l-osservazzjoni li, mill-kuntratt ta' separazzjoni, li, ghar-rigward ta' dak li hemm konvenut, jikkostitwixxi ligi bejn il-partijiet, il-hlas tal-manteniment pattwit mhuwiex sottopost ghall-ebda kondizzjoni; u ghalhekk in difett ta' stipulazzjoni espressa fil-kuntratt li tippermetti riduzzjoni jew tnehijja ta' dan il-manteniment fil-kaz li l-konvenuta jkollha relazzjoni adultera wara l-iffirmar tal-kuntratt, it-tnehijja tal-manteniment pattwit tista' ssir biss jew bil-kunsens tal-partijiet, jew b' sentenza tal-Qorti li tistabilixxi l-htija tal-firda."*

Aktar ricentement, din l-istess gurisprudenza giet riaffermata:-

*"Illi rigward l-ewwel talba attrici, il-Qorti tosserva li din it-talba hija necessarjament preordinata ghat-talba ghad-dekadenza mid-dritt tal-konvenuta li tkompli tircievi manteniment, u kif abbraccjat mill-gurisprudenza, ma timminax l-azzjoni ta' dekadenza, anzi hija meqjusa bhala talba necessarja sabiex jigi applikat l-artikolu 48 tal-Kap. 16".*[6]

Huwa ghalhekk pacifiku li s-sanzjonijiet li jissemmew fl-Artikoli 48 u 52 tal-Kodici Civili huma proprjament applikabbli f'kawza fejn jkun hemm talba *ad hoc* sabiex tkun ippronunzjata l-firda bejn il-konjugi, u l-istess regola tapplika ugwalment meta diga` jkun hemm separazzjoni personali bejn il-konjugi, u meta d-dekadenza mid-dritt ghall-alimenti tkun qed tintalab fuq fatti godda li graw <u>wara</u> dak il-pronunzjament. Wara kollox, kif gie affermat mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **C Concetta Cunningham pro et noe vs Andrew James Cunnigham**[7]:-

*"F'dawn ic-cirkostanzi l-appellant ma' ghandux mod iehor skont il-ligi kif jista' jezonera ruhu mill-obbligu tieghu li jmantni lil martu hlief billi jottjeni, jekk jista', dikjarazzjoni tad-dekadenza taghha minn dan id-dritt f'kawza ta' separazzjoni."*

Ikkunsidrat;

Konformament mal-premess, jinghad li sabiex tali dritt tal-konvenuta ghall-hlas ta' manteniment minghand l-attur, jigi revokat, jehtieg li jigi stabbilit illi posterjorment ghall-kuntratt ta' separazzjoni, il-konvenuta kisret wiehed jew aktar mill-obbligi taghha naxxenti mill-vinkolu matrimonjali li jwassal ghat-telfien tad-

---

[5] 127/04NC, deciza minn din il-Qorti diversament preseduta fit-23 ta' Ottubru 2007.

[6] **Avukat Dottor Franco Vassallo noe vs. CD gja` B**, Qorti Civili [Sezzjoni tal-Familja], deciza fit-23 ta' Gunju 2011. Ara wkoll: **A. Blackman vs M. Blackman**, Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta' Marzu 1954, [VOL XXXVIII pp 466]; **Dottor Giuseppe Mifsud Bonnici noe vs Dottor Hugh McKibben,** deciza Prim'Awla tal-Qorti Civili 16 ta' Novembru 1965; **Francis Bugelli vs Aine Borg gia` Bugelli**, Appell Civili deciz 26 ta' Marzu 1996.

[7] Deciza fil-11 ta' Frar 1966.

dritt li tippercepixxi l-manteniment minghand zewgha[8]. F'dan il-kaz, l-attur jallega li l-konvenuta rrendiet ruhha hatja ta' adulterju fil-konfront tieghu sussegwentement ghas-separazzjoni legali taghhom.

Illi minn dan l-aspett procedurali, anke mehud qies tal-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuta fir-risposta guramentata taghha a fol. 20, m'huwiex kontestat u f'kull kaz il-Qorti lanqas ma ghandha xi diffikolta` tqis, li l-attur mexa skont dan l-insenjament meta fir-rikors promotur, talab il-pronunzjament mill-gdid tas-separazzjoni legali tal-partijiet li diga` sehhet b'effett tal-konkluzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni personali fil-15 ta' Dicembru 2000 (Dok. A), u dan bhala talba preordinata ghal dikjarazzjoni ta' dekadenza tal-konvenuta mill-jedd taghha ghall-manteniment.

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenuta tikkontendi[9] li ghalkemm il-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet konkluz fil-15 ta' Dicembru 2000 ma huwiex ta' xkiel ghat-talbiet attrici f'din il-kawza, id-divorzju li gie pronunzjat fil-mori ta' din il-kawza bejn il-partijiet permezz tas-sentenza tat-22 ta' Ottubru 2012, jikkostitwixxi ostakolu ghall-pronunzjament tas-separazzjoni mill-gdid bejn il-partijiet kif mitlub mill-attur. Hija tfisser illi b'effett tax-xoljiment sussegwenti taz-zwieg, l-azzjoni attrici llum hija insostenibbli peress li ma tistax tigi pronunzjata mill-gdid is-separazzjoni personali fi zwieg li huwa llum xjolt, u kwindi lanqas tista' tigi applikata s-sanzjoni tad-dekadenza mid-dritt ghall-manteniment, liema dekadenza tista' tigi applikata biss konsegwentement ghal tali pronunzjament tas-separazzjoni.

Il-konvenuta ssostni wkoll li ghalkemm l-attur seta' jipprocedi bit-talbiet tieghu fiz-zmien meta istitwixxa din il-kawza fis-sena 2008 meta kien ghadu biss legalment separat, bid-divorzju sussegwenti bejn il-partijiet u l-hall taz-zwieg taghhom, u fl-assenza wkoll ta' patt konvenzjonali *ad hoc* fil-kuntratt ta' separazzjoni fejn id-dekadenza tal-konvenuta mid-dritt ghall-manteniment kien kontemplat u pattwit espressament bejn il-partijiet, il-pronunzjament mill-gdid tas-separazzjoni personali m'huwiex iktar koncepibbli ghaliex iz-zwieg ma ghadux jezisti.

L-attur da parti tieghu jaghmel referenza ghall-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, fejn hemm stipulat li l-pronunzjament tad-divorzju bejn persuni mizzewgin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza, ma jgib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom hlief ghall-effetti tad-divorzju li johorgu mil-ligi. L-attur ikompli jsostni li l-kuncett ta' *no fault divorce* fis-sistema legali taghna ma

---

[8] Artikolu 38 et seq. tal-Kodici Civili.
[9] Ara nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenuta a fol. 166 *et seq.*

jnaqqas xejn mill-kuncett tar-responsabbilita` konducenti ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 48 tal-Kodici Civili, peress li s-separazzjoni personali gie maghmul jghodd indaqs ghall-kaz ta' divorzju.

Ikkunsidrat;

Skont il-konvenuta huwa inkoncepibbli l-pronunzjament tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet meta llum iz-zwieg gie xjolt. Ghalhekk fil-qafas tal-vertenza li ghandha quddiemha din il-Qorti f'dan l-istadju, dak li ghandu jigi determinat huwa jekk il-hall taz-zwieg bid-divorzju bejn konjugi li huma diga` legalment separati, jolqotx allura id-dritt tal-attur bhala l-konjugi obbligat ghall-manteniment, ifittex ghad-dekadenza tal-konvenuta mill-jedd taghha ghall-manteniment minhabba adulterju li jghid li sehh wara s-separazzjoni personali izda qabel il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

**<u>Effett tas-Separazzjoni Legali fuq l-Obbligi Matrimonjali</u>**

Illi kif inhuwa assodat fis-sistema guridika taghna, nonostante s-separazzjoni personali il-konjugi jibqghu marbutin bil-vinkolu matrimonjali u ma jigux mehlusin bis-separazzjoni hlief mill-obbligu tal-assistenza morali, il-konvivenza matrimonjali u f'certi kazijiet, mill-manteniment reciproku. Certament is-separazzjoni legali ma tehlisx lill-partijiet milli jipprovdu ghall-htigijiet ta' wliedhom, jew li jibqghu jkunu fidili lejn xulxin.

Konformament mal-premess u fid-dawl tad-dispost tal-Artikolu 66L tal-Kap. 16, hija l-fehma ta' din il-Qorti li sakemm iz-zwieg ma jkunx ghadu mahlul b'effett tad-divorzju jew bil-mewt ta' xi wiehed mill-konjugi, l-obbligu tal-fedelta` reciproka jibqa' veljanti anke wara s-separazzjoni u dan anke wara li jigi kkunsidrat illi s'issa, il-gurisprudenza nostrana hi konkordi fis-sens illi l-obbligu tal-fedelta' matrimonjali jibqa' jippersisti anke wara l-pronunzjament gudizzjarju ta' separazzjoni personali jew war l-kuntratt ta' separazzjoni personali.

Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Giulia Mizzi vs Salvatore Mizzi**[10]**,** is-separazzjoni gia` pronunzjata ma ghandhiex l-effett li tnehhi kull vinkolu u l-obbligi reciproci tal-konjugi bejniethom.

**<u>Effetti Generali tad-Divorzju</u>**

Il-Qorti tqis illi f'dan l-istadju jkun siewi li jigu ezaminati l-effetti tal-hall taz-zwieg fuq ir-relazzjoni guridika bejn il-mizzewgin, anke dawk li jkunu separati legalment. Fir-rigward, taghmel referenza ghall-proviso ghall-**Artikolu 66B tal-Kap. 16** li jipprovdu illi:-

[10] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, 12 ta' Dicembru 1964.

"*Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.*

L-effetti tad-divorzju li johorgu mil-ligi huma dawk stipulati fl-**Artikolu 66L,** u cioe`:-

**66L.** *(1) Meta l-qorti ċivili kompetenti tippronunzja d-divorzju bejn il-miżżewġin, huma jkollhom id-dritt li jerġgħu jiżżewġu.*

*(2) Il-pronunzjament tad-divorzju m'għandu l-ebda effett fuq id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet tal-partijiet bħala ġenituri fuq uliedhom jew fuq kull ftehim li jkun intlaħaq bejn dawk il-partijiet dwar il-kustodja ta' uliedhom, mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 56A.*

*(3) Il-pronunzjament tad-divorzju m'għandu l-ebda effett fuq id-drittijiet ta' terzi fir-rigward ta' kull ftehim jew obbligu li diġà wettqu jew li għad iridu jwettqu l-partijiet iddivorzjati.*

*(4) Il-pronunzjament tad-divorzju kif maħsub fis-subartikolu (1) għandu dawn l-effetti:*
*(a) jispiċċa, għall-effetti kollha ċivili, l-obbligu tal-partijiet li jgħixu flimkien;*
*(b) l-artikolu 62 għandu japplika mutatis mutandis; u*
*(ċ) jispiċċaw id-drittijiet tal-miżżewġin għas-suċċessjoni ta' xulxin, b'effett minn dakinhar meta d-digriet jew sentenza ta' divorzju jkunu saru res judicata.*

*(5) Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 54(7), 55A u 56A għandhom japplikaw mutatis mutandis meta l-qorti tħoss il-ħtieġa li tapplikahom wara li tkun qieset ir-raġunijiet miġjuba quddiemha.*

*(6) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 66D(5), l-artikolu 1332(4) sa (10) u l-artikoli 1334, 1335, 1336, 1337 u 1340 għandhom japplikaw mutatis mutandis għall-fini ta' qsim tal-beni bejn il-miżżewġin.*

Wiehed mill-effetti ewlenien fuq koppja mizzewga li z-zwieg taghha jigi mahlul permezz ta' divorzju huwa l-helsien mill-obbligu tal-fedelta` peress li kif rajna konjugi li jottjeni d-divorzju jista' jerga' jizzewweg. L-effetti tad-divorzju msemmija fis-subinciz (4) tal-Artikolu 66L isibu riskontru bl-iktar qawwa f'dawk il-kazijiet fejn il-mizzewgin ma jkunux diga` separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti. F'kull kaz pero`, huwa evidenti li l-ligi ftit thalli lok ghal dubju in kwantu dawk li huma l-effetti tad-divorzju ghaliex dawn jinsabu elenkati espressament u kategorikament fl-imsemmi subinciz (4).

Illi huwa palezi wkoll li l-effetti tad-divorzju jsehhu proprju minn dakinhar li s-sentenza tad-divorzju tkun ghaddiet in gudikat 'il quddiem, meta l-partijiet ikunu inhallu definittivament u b'mod assolut mir-rabta taz-zwieg. Korollari ta' dan hija l-osservazzjoni li x-xoljiment taz-zwieg bid-divorzju - diversament mill-annullament taz-zwieg fejn hlief f'kaz ta' zwieg putattiv dan jigi meqjus li qatt ma ezista u qatt ma pproduca ebda effett - filwaqt li jholl il-vinkolu matrimonjali li kien gia` ezistenti bejn il-konjugi, ma jxoljix iz-zwieg *ab ovo* u ghalhekk ma jxejjinx b'effett retrospettiv l-obbligi u d-drittijiet naxxenti miz-zwieg, anke dawk mahluqa b'effett tas-separazzjoni legali bejn il-partijiet.

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet appena maghmula, il-Qorti hija tal-fehma li bil-pronunzjament tad-divorzju bejn il-partijiet, l-allegazzjoni tal-attur li l-konvenuta kisret l-obbligu matrimonjali tal-fedelta' fiz-zmien antecedenti d-divorzju, u cioe' meta l-partijiet kien ghadhom marbutin bl-obbligu tal-fedelta` reciproka, cioe` qabel ix-xoljiment taz-zwieg, ma titlifx ir-relevanza taghha fil-qafas ta' talba ghall-pronunzjament tal-htija ghall-firda minhabba adulterju. Bl-istess mod tibqa' applikabbli s-sanzjoni tad-dekadenza mill-jedd ghall-manteniment kontemplata mill-Artikolu 48 tal-Kodici Civili liema sanzjoni, f'kaz ta' adulterju ppruvat, issib applikazzjoni *ex lege* fil-konfront tal-konjugi hati.

**Divorzju Pronunzjat ai termini tal-Artikolu 66D(2) tal-Kap. 16 u Effetti fuq il-Htija ghall-Firda**

Ikkunsidrat;

F'dan il-kaz odjern, jirrizulta li d-divorzju sar a tenur tal-Artikolu 66D(2) li jipprovdi dwar talbiet ghad-divorzju sussegwenti ghal sentenza jew kuntratt ta' separazzjoni personali.

L-**Artikolu 66D(2) tal-Kap. 16** jipprovdi hekk:

**66D**(2) *Fejn il-miżżewġin ikunu diġà separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti, il-persuna miżżewġa li tkun qed tagħmel it-talba għad-divorzju tista' tressaq biss talba għall-ħall taż-żwieġ. Il-parti l-oħra tista' tikkontesta din it-talba jew billi tipprova illi dak iż-żmien maħsub fl-artikolu 66B(a) m'għaddiex, jew billi tipprova illi l-persuna miżżewġa illi talbet id-divorzju ma tkunx ħallset il-manteniment dovut, kif ordnat mill-qorti jew miftiehem fil-kuntratt ta' separazzjoni u li kemm-il darba t-talba għad-divorzju tintlaqa', tkun aktar diffiċli għall-istess parti l-oħra illi tikseb il-ħlas tal-manteniment. Il-qorti m'għandhiex tilqa' t-talba għad-divorzju kemm-il darba xi waħda minn dawn l-eċċezzjonijiet jiġu murija li huma tajba*[11].

[11] Sottolinjear tal-Qorti.

Isegwi mill-premess li l-attur kien marbut bil-parametri tal-azzjoni ghad-divorzju kif proposta mill-konvenuta. Ftit li xejn kellu ghazliet dwar kif seta' jilqa' ghat-talba ghad-divorzju. Il-Qorti li ppronunzjat id-divorzju kienet tenuta li tikkonstata biss jekk il-kriterji elenkati fl-Artikolu 66B, kienux sodisfatti u dan minghajr ma tidhol fil-kwistjoni tal-htija proprju ghaliex il-partijiet kienu diga` separati b'kuntratt. Il-Qorti tosserva li l-htija tal-partijet ghad-divorzju m'hijiex fost il-kundizzjonijiet elenkati fl-imsemmi artikolu 66B u ghalhekk il-fatt li jista' jkun li ma gewx osservati d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 66F(3) u (4) fil-proceduri tad-divorzju mibdija mill-konvenuta ma jnaqqas xejn mill-jedd tal-attur li jikseb wara d-divorzju, sentenza tal-firda minhabba fatti posterjuri ghall-separazzjoni.

Inoltre, hija rilevanti l-osservazzjoni li billi d-divorzju jista' jigi pronunzjat, u f'dan il-kaz gie pronunzjat minghajr referenza ghall-htija tal-partijiet, ma jistax jigi meqjus li l-kwistjoni ta' htija ghall-firda ma tibqax relevanti biex tirregola d-drittijiet u obbligi naxxenti mis-separazzjoni legali: interpretazzjoni diversa tkun tfisser li l-attur minhabba d-divorzju, ikun marbut li jibqa' jhallas manteniment lill-eks konjugi li, qabel id-divorzju izda wara s-separazzjoni legali, tkun irrendiet ruhha hatja ta' addebiti godda li jwasslu ghal dekandenza mid-dritt taghha li tircievi manteniment minghand zewgha.

Mehud kont tal-konsiderazzjonijiet fuq riportati, u mill-aspett purament procedurali tad-divorzju ppronunzjat bejn il-partijiet fil-kaz odjern, il-Qorti tqis li s-sentenza tad-divorzju moghtija f'dawk il-proceduri ma hiex ta' xkiel ghat-talba attrici f'din il-kawza sabiex jigi stabbilit jekk il-konvenuta ikkommettietx adulterju wara l-firda personali u jekk ghal tali addebitu hemmx il-konsegwenza tad-dekadenza mid-dritt li titlob manteniment minghand l-attur.

Ikkunsidrat;

Stabbilit il-premess, il-Qorti tqis li l-attur ma ghandux ikun prekluz bis-sentenza tad-divorzju moghtija fit-22 ta' Ottubru 2012, milli jkompli jfittex dikjarazzjoni li l-konvenuta kienet infidili lejh fiz-zmien meta l-obbligu tal-fedelta` kien ghadu fis-sehh u li ghalhekk iddekadiet mid-dritt taghha ghall-manteniment minhabba adulterju. Kif rajna gie kostantement ritenut mill-gurisprudenza nostrana illi l-applikazzjoni tas-sanzjoni tad-dekadenza skont l-Artikolu 48 tal-Kap. 16, tista' ssir biss f'kawza ta' separazzjoni bejn il-partijiet jew, f'kaz ta' addebiti godda wara s-separazzjoni personali, fil-qafas ta' talba ghall-pronunzjament mill-gdid tal-firda minhabba htija ghal dak l-addebitu. Kif affermat fis-sentenza **C Dolores Agius vs A Agius**[12], sabiex id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 48 jigu applikati:-

[12] Appell Civili, deciz 31 ta' Mejju 2004.

*"...jrid ikun hemm pronunzjament inter alia dwar l-**artikolu 38 u 41 tal-Kap 16**, u artikoli ohra bhal **l-artikolu 40** b'applikazzjoni tal-**artikoli 51 u 52** li kollha jirreferu ghar-responsabilità tal-konjugi li taghti aditu ghall-dikjarazzjoni ta' firda personali, u din tista' tigi kontemplata biss f'kawza ta' separazzjoni,"*

Huwa minnu li bix-xoljiment taz-zwieg fil-mori ta' din il-kawza, il-pronunzjament tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet ma ghadhiex iktar guridikament koncepibbli, izda l-Qorti hija tal-fehma li l-argument tal-konvenuta li d-divorzju miksub fil-mori ta' din il-kawza jirrendi improponibbli l-azzjoni attrici fejn qed jintalab dikjarazzjoni ta' dekadenza mid-dritt li l-konvenuta tibqa' tippercepixxi l-manteniment minghand l-attur ma hiex legalment fondata.

Tenut kont illi l-addebitu tal-attur fil-konfront tal-konvenuta allegatament sehh wara l-pubblikazzjoni tal-kuntratt tas-separazzjoni personali izda qabel il-pronunzjament tad-divorzju, l-attur ghad ghandu d-dritt illi jitlob dikjarazzjoni gudizzjarja illi fiz-zmien imsemmi l-konvenuta kellha relazzjoni adultera u li ghalhekk titlef id-dritt li tkompli tippercepixxi l-manteniment minghand zewgha.

X'inhi l-posizzjoni legali kieku l-addebitu sehh wara l-pronunzjament tad-divorzju ma hux ser jigi trattat f'din il-kawza u ghalhekk qed jigi sottolineat illi dak hawn deciz jirreferi ghal meta l-addebitu jsehh wara s-separazzjoni izda qabel il-pronunzjament tad-divorzju.

Ghalhekk il-Qorti qed taghmilha cara illi tali konkluzzjoni qed tigi raggunta tenut kont li r-ragunijiet ghall-allegata htija jkunu sehhew qabel ix-xoljiment taz-zwieg b'divorzju.

Ikkunsidrat;

Huwa evidenti li dak li trid tikseb il-konvenuta b'din l-eccezzjoni, huwa t-thassir *ex post facto* b'effett tas-sentenza tad-divorzju, tal-konsegwenzi tal-allegat adulterju taghha, thassir li huwa intiz sabiex tigi evitata l-applikazzjoni tas-sanzjoni tad-dekadenza kif mitluba mill-attur fil-qafas tal-azzjoni attrici li, kif stabbilit, hija wahda legittima li giet proposta b'mod proceduralment korrett.

Mizmum ferm dak kollu fuq premess, din il-Qorti tqis illi x-xoljiment supervenjenti taz-zwieg permezz ta' pronunzjament ta' divorzju ma jinnewtralizzatx u ma jgibx fix-xejn l-effetti tal-ksur tal-obbligi naxxenti mill-vinkolu matrimonjali waqt li dan ikun ghadu fis-sehh bejn il-partijiet, *multo magis* meta t-talba ghal dikjarazzjoni ta' dekadenza u kwindi ghall-pronunzjament tal-firda mill-gdid bejn il-partijiet ikunu saru tempestivament u fi zmien meta d-divorzju lanqas kien introdott fis-sistema legali ta' pajjizna.

F'dawn ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz odjern, il-Qorti ma taqbilx lanqas illi dak l-insenjament tal-qrati li jesigi, anke wara s-separazzjoni legali bejn il-konjugi, talba *ad hoc* ghall-pronunzjament mill-gdid tal-firda li hija preordinata ghat-talba ghad-dekadenza mid-dritt ghall-mantenment f'kaz ta' adulterju kommess wara l-firda, ghandu jsib applikazzjoni tant inflessibbli li jasal biex ixejjen l-azzjoni tal-attur f'dan il-kaz fejn, kif stabbilit, l-azzjoni odjerna giet espeD validament u tempestivament waqt is-separazzjoni legali tal-partijiet u kienet ukoll proceduralment in linea mar-rekwiziti tal-gurisprudenza in materja. Meta intavola l-kawza odjerna, l-attur ma kellux mod iehor skont il-ligi kif jista' jezonera ruhu mill-obbligu tieghu li jmantni lil martu minnha separat legalment hlief billi jottjeni dikjarazzjoni tad-dekadenza taghha minn dan id-dritt f'kawza ta' separazzjoni, kif del resto ghamel b'din l-azzjoni tieghu.

Il-Qorti wara li hasbet fit-tul dwar din il-kwistjoni tikkonkludi illi d-divorzju supervenjenti, miksub a tenur tal-procedura skont l-Artikolu 66D tal-Kap, 16, ma ghandux jitqies li jirrendi irritwali l-uniku mezz procedurali li kellu u ghandu a dispozizzjoni tieghu l-attur biex jinheles mill-obbligu tal-manteniment lejn martu, jekk tabilhaqq jintwera li rrendiet ruhha hatja ta' adulterju fil-konfront tieghu qabel id-divorzju.

Maghdud ma' dan hemm ukoll il-kunsiderazzjoni illi fir-rikors promotur, oltre ghat-talba ghall-pronunzjament mill-gdid tal-firda bejn il-partijiet minhabba adulterju, l-attur talab ukoll li tigi stabbilita d-data li fiha l-konvenuta ghandha tigi kkunsidrata li rrendiet ruhha hatja tal-firda, u l-applikazzjoni minn dik id-data tad-dekadenza ghad-dritt taghha ghall-manteniment minhabba adulterju kommess. Isegwi ghalhekk li xejn ma jipprekludi l-pronunzjament mill-gdid tas-separazzjoni b'rabta specifika mad-data li fiha l-attur talab li jigi stabbilit li l-konvenuta rrendiet ruhha hatja ta' adulterju. Huwa evidenti li l-adulterju allegat mill-attur fir-rikors promotur, sehh qabel il-hall taz-zwieg u kwindi fi zmien meta l-partijiet kienu ghadhom marbuta bl-obbligu tal-fedelta` reciproka. Konformament mal-premess, il-Qorti tqis li sussegwentement ghall-hall taz-zwieg *de quo*, xejn ma josta li l-firda mill-gdid kif mitlub fl-ewwel talba attrici tigi pronunzjata b'effett minn dik id-data li tigi stabbilita mill-Qorti li l-konvenuta rrendiet ruhha hatja tal-adulterju, liema data tkun anterjuri ghas-sentenza tad-divorzju. B'dan il-mod, il-pronunzjament mill-gdid tas-separazzjoni ikun jiswa ghall-finijiet u fil-parametri taz-zwieg li kien ghadu fis-sehh qabel gie xjolt b'effett tas-sentenza tad-divorzju.

In konkluzjoni, u b'referenza ghas-sottomissjoni tal-konvenuta illi l-azzjoni attrici, fic-cirkostanzi, setghet tissalva biss kieku d-dekadenza mid-dritt ghall-manteniment gie pattwit espressament bejn il-kontendenti fil-kuntratt ta' separazzjoni, il-Qorti ma taqbel xejn ma' din l-osservazzjoni. Kif gia` stabbilit, il-Qorti galadarba giet mitluba tistabbilixxi wkoll id-data li fiha l-konvenuta rrendiet ruhha hatja tal-firda minhabba adulterju, m'hija bl-ebda mod prekluza milli tippronunzja s-separazzjoni mill-gdid, f'kaz li jigi ppruvat l-adulterju tal-

konvenuta, b’effett minn dik id-data li jigi stabbilit li fiha hi rrendiet ruhha hatja ghall-firda f'data anterjuri ghad-divorzju bejn il-partijiet.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddisponi mill-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuta billi tichad l-istess u tordna l-prosegwiment tal-kawza fil-mertu.

Minhabba n-novita` ta' diversi aspetti tal-vertenza il-Qorti tordna illi l-ispejjez relatati ma' dan l-episodju jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Imhallef** **Deputat Registratur**